# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 3**

**Citazzjoni numru 1147/01 LSO**

**Robert Azzopardi u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2001**
**Norma Azzopardi interveniet fil-kawza in statu et terminis**

**v.**

**Gutenberg Press Limited**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

"**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Gunju 2001 u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn espona: -

"Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala *machine operator*;

"Illi matul il-perijodu ta' impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta, l-attur kien gie ordnat ukoll jaghmel xoghol ta' tqandil ta' karti;

“Illi l-impjegati tas-socjeta` konvenuta kienu obbligati jimlew il-kontenituri biex jitqandlu, aktar milli kien ragjonevoli;

“Illi fit-30 ta' Mejju 2000 fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta f’Hal Tarxien, l-attur waqt li kien qed jaghmel xoghlu jqandel dawn il-kontenituri, wegga f’ dahru meta refa’ piz tqil izzejjed;

“Illi f’dan l-incident, l-attur sofra danni personali ta' natura permanenti kif iccertifika Dr. Anthony Zrinzo;

“Illi dan l-incident sehh tort uniku tas-socjeta` konvenuta minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

“Illi minkejja li interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni li sofra l-attur, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta l-ghala m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur sofra danni personali permanenti waqt incident li sehh fit-30 ta' Mejju 2000 fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta f’Hal Tarxien, liema incident sehh tort uniku tas-socjeta` konvenuta minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

“2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur okkorrendo bin-nomina ta' espert tekniku;

“3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata bhala kumpens xieraq ghad-danni li sofra l-attur.

“Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2001.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Gutenberg Press Limited datata 2 ta’ Ottubru 2001 (fol 10) fejn esponiet illi : -

“Preliminarjament n-nuqqas ta’ integrita tal-gudizzju *stante* illi mart l-attur mhix parti fil-kawza.

“Illi t-talba tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-incident in kwistjoni mhuwiex imputabbli ghal xi tort jew htija da parti tal-eccipjenti.

"Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-*injury* tal-attur mhux necessarjament hija mputabbli ghal xi incident li jista' jkun imputabbli ghas-socjeta' konvenuta.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri ghal dan l-iskop.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2001 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukat tal-attur fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni mressqa mill-kumpanija mharrka talab li Norma Azzopardi mart l-attur tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*. Dr. Peter Borg Costanzi ma opponiex ghat-talba. Il-Qorti rat l-Art 960 tal-Kap 12, taqghet it-talba tal-attur, awtorizzat li Norma Azzopardi tidhol fil-kawza *in status et terminis* u ordnat li din il-bidla tigi riflessa fl-atti tal-kawza.

"Rat ir-rapport tal-Perit mediku Frederick Zammit Maempel pprezentat fid-19 ta' Frar 2003 a fol 60 tal-process.

"Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Robert Azzopardi pprezentata fid-19 ta' April 2006 (fol 105)

"Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2000 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel ghall-5 ta' Ottubru 2006.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Guttenberg Press Limited datata 8 ta' Awwissu 2006 a fol 110 tal-process.

"Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

"Rat ir-rikors ta' Guttenberg Press Limited datata 4 ta' Frar 2013 (fol 137) fejn talbet lill-Qorti joghgobha tordna illi l-kaz jigi riassenjat lill-Onor. Mhallef Dr. Joseph R Micallef sabiex din tigi debitament deciza minnu skont il-ligi; u l-Qorti kif hekk illum presjeduta ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u rrikjamat il-kawza ghas-26 ta' Marzu 2013, u ordnat ukoll in-notifika ta' dan id-digriet lill-kontro-parti, kif jidher bid-digriet moghti fil-11 ta' Frar 2013.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Peter Borg Costanzi ghas-socjeta` konvenuta li wara r-rikors tieghu tal-4 ta' Frar 2013 iddikjara li ma jsib l-ebda oggezzjoni li l-kaz jitkompla quddiem din il-Qorti kif komposta, pero` talab li jsir access. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jsir access fuq is-sit tas-socjeta` konvenuta nhar it-Tlieta 16 ta' April 2013 fis-2.30p.m. a spejjez tas-socjeta` konvenuta. Il-partijiet ikunu jistghu jitrattaw jekk ikun il-kaz waqt l-access. Dr. Borg Costanzi ddikjara li wara dan l-access il-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Ottubru 2013.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

"**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

"Illi din hija kawza fejn l-attur qed ifittex lis-socjeta' konvenuta peress li fit-30 ta' Mejju 2000 waqt li kien qed jahdem xoghol ta' tqandil fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta f'Hal Tarxien, wegga' f'dahru meta refa' piz tqil izzejjed. Minhabba f'hekk garrab danni permanenti minhabba t-tort u jew negligenza, imperizja, u/jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

"Ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta' konvenuta tigi ddikjarata responsabbli ghall-incident imsemmi u li jigu likwidati d-danni sofferti minnu minhabba dan il-korriment. Fl-ahharnett sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

"Is-socjeta' konvenuta eccepiet in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju *stante* li mart l-attur mhix parti fil-kawza. *Inoltre* laqghet ghat-talbiet attrici fuq il-mertu billi rrespingiet kull addebitu ta' tort u htija ghall-incident in kwistjoni. Tghid ukoll li l-*injury* li jghid li ghandu l-attur mhix necessarjament imputabbli lill-istess socjeta' konvenuta.

"Ikkonsidrat li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet irtirata wara l-intervent *in statu et terminis* ta' Norma Azzopardi, mart l-attur u b'korrezzjoni appozita u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni izjed taghha.

"Il-Qorti tinnota li l-ewwel premessa fic-citazzjoni attrici hija li l-attur kien impjegat mas-socjeta` "*attrici*" minflok mas-"*socjeta' konvenuta.*" Dan hu indubbjament *lapsus* kif jirrizulta mill-kumplament tal-att ta' citazzjoni u ser jigi trattat bhala tali daqslikieku l-intendment kien li l-kelma *konvenuta* giet sostittwita ghall-kelma "*attrici.*"

"**<u>Provi Prodotti</u>**

"Xehed l-**attur Robert Azzopardi**[1], u qal li kien ilu jahdem bhala *binding operator* mas-socjeta' konvenuta mis-sena 1995. Is-socjeta' konvenuta timmanufattura u tipprocessa karti ghall-istampar u legar taghhom. Xogholu kien dejjem l-istess. Kellu tliet magni differenti taht il-kontroll tieghu u kellu jaqta' l-karti b'magna partikolari f'diversi daqsijiet b'giljottina. Kien hemm zewg giljottini fil-fabbrika izda kienet tithaddem wahda biss, dik li kien jopera l-attur. Hu qal li l-imghallem kien jippretendi li kellu jahdem biex ittella' xoghol daqslikieku kienu qed jithaddmu z-zewg giljottini.

[1] Affidavit a fol. 19 et seq. tal-process.

“Xogholu kien ikun dejjem bil-wieqfa - 8 sieghat u saghtejn u nofs sahra kuljum, 7 ijiem bil-gimgha bil-wieqfa.

“Hu qal li x-xoghol kien ikun stressanti hafna ghaliex apparti dan ix-xoghol, kellu jittrimmja karti kbar ghall-*printing* u jaghti x-xoghol lill-operaturi li kienu jitwu l-'covers'. Meta kien jghid lill-imghallem li ma setax ilahhaq, ir-risposta kienet tkun li jekk ma joghgbux ix-xoghol, jaf x'ghandu jaghmel.

“Apparti dan ix-xoghol kollu, kien ikollu jitfa' t-*trimmings*, il-fdalitijiet tal-karti, f'tankijiet u *skips* apposta. Kellu jimla’ tankijiet sa fuq nett ghax hekk kien jesigi l-imghallem. Dawn kienu madwar metru mill-art u wesghin normali, igorr l-istess tankijiet hekk mimlijin u jitfa' l-kontenut go l-i*skip. "It-tank meta kien ikun mimli sax-xifer kien ikun tqil hafna, tant li bil-kemm konna nifilhuh jien u min kien jigi jghini."*

“Fit-30 ta' Mejju 2000 waqt li hu, meghjun minn impjegat Gordon Farrugia, refa' tank mimli sax-xifer bil-karti, sabiex jarmuh fl-iskip "*hassejt ugigh kbir f'dahri hekk kif olzajna t-tank minn mal-art. Dak il-hin bdejt nghajjat biex Gordon Mizzi jnizzel it-tank mal-art minhabba l-ugiegh qawwi li hassejt."*

“Hu tkellem mas-*supervisor* Joseph Zahra, izda minn dak li qal, ma rcieva ebda assistenza jew komprensjoni mir-rapprezentant tad-ditta konvenuta, certu Joseph Galea li zammu jistenna, minkejja li qallu li kellu wgiegh, u fl-ahhar, qallu li ma setghux inehhuh minn fuq il-magni. Tkellem mal-imghallem biex ma jidholx is-Sibt u l-Hadd minhabba li kien qed jugghu dahru u r-risposta kienet "*ma nistghux inkomplu sejrin hekk. Dan ghaliex gieli ma dhaltx sahra fil-weekend."*

“Difatti kellu jidhol ghax-xoghol xorta kuljum sas-6.30p.m. u dam erbat ijiem biex jara tabib. Hu ma setax jirrifjuta li jmur ghax-xoghol ghaliex kien jirriskja t-tkeccija. **It-Tabib Stephen Spiteri** ccertifikah li kien tajjeb biss ghax-xoghol *light duty*. Hadmuh sat-3.00p.m. u qalulu biex l-ghadha johrog bis-*sick leave* mhux *injury leave.* Sussegwentement rah it-tabib tax-xoghol u tah gimgha *leave*.

“Ikkonsulta mal-professur Anthony Zrinzo li qallu li mill-MRI rrizulta li ghandu xi nervi/*discs* mghaffgin u ccertifikalu dizabbilta' permanenti ta' 15%[2] kif ukoll qal li kien tajjeb biss ghal *light duties.* Il-Bord tas-Sigurta' Socjali ccertifikawh li kellu 22% dizabbilta'.[3]

“Hu qal li s-socjeta' konvenuta qatt ma dahhlitu xoghol *light duty* u wara sena tterminatlu l-impieg. Din l-ittra hija datata s-6 ta' Gunju 2001, id-data ta' terminazzjoni effettiva.[4]

---

[2] Certifikat **Dok. RA** a fol.22-23 .
[3] Certifikat **Dok. RA1** a fol.24.
[4] Ittra **Dok. RA3** a fol.25

“Xehed **Wayne Vella**[5] li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta sa Marzu 2000, u qal li l-attur kien jircievi karti imdaqqsin gja imqatta' fuq *pallets* u wahdu jqandilhom minn fuq il-*pallets* ghal fuq il-giljottina. Kien jerfa' *lottijiet* ta' karti ta' anke 10 jew 15-il kilogramma kull darba. Dan il- process kien wiehed kontinwu fil-hinijiet tax-xoghol mis-7.00a.m. sad-9.00a.m., mid-9.15a.m. sa nofsinhar u mill- 12.15p.m. sat-3.30p.m. u, iktar iva milli le, sas-6.00p.m. bl-*overtime.* Xehed li gieli hu u l-attur kienu jidhlu s-Sibt u l-Hadd. Meta ma kienux jibqghu ghas-sahra, l-imghallem kien igerger u jheddidhom li kien ser ikeccihom. "*Kont inhossni parti minn magna"*. Xehed ukoll dwar l-istorbju kontinwu tal-magni u "*l-pressjoni kontinwa mill-management biex nahdem aktar, liema ragunijiet geghluni nitlaq."*

“Gieli ghen lill-attur jizvojta t-tank tal-karti ghall-i*skip* u qal li jekk it-tank ma kienx ikun mimli sa fuq, Frans Spiteri, l-imghallem, kien jilmenta li l-attur kien qed jahli l-hin. "*Ghalhekk l-attur kien ikun kostrett jimla' t-tank sa fuq b'konsegwenza li t-tank kien ikun tqil hafna."*

“Xehed **Charlot Briffa**[6] impjegat mas-socjeta' konvenuta sa Ottubru 2000. Hu kkorrobora dan li xehed Wayne Vella u qal ukoll li kien jaf li l-attur kien ilmenta b'ugiegh kbir f'dahru f'gurnata wahda tax-xoghol u hareg bl-*injury leave.*

“**Xehed il-Professur Anthony Zrinzo**[7] li kien ra lill-attur l-ewwel darba f'Settembru 2000. L-attur kien qallu li fit-30 ta' Mejju 2000 kien refa' tank bit-*trimmings* ma’ siehbu fuq ix-xoghol il-Gutenberg Press u ha skoss waqt li kien qed jerfa' u dak il-hin hass l-ugiegh f'nofs id-dahar.
Mill-*X-Rays* li ttiehdu fit-8 ta' Gunju 2000, "*Kien hemm anomalija mit-twelid fejn l-ahhar ghadma lumbar L% kienet maghquda mal....(mhux riprodott fit-traskrizzjoni)..meta ezaminajtu (kwazi 4 xhur wara l-incident) kien ghadu bl-istess problema fejn kien ghadu bl-ugiegh fil-wara tad-dahar u l-ugiegh jinzel fis-sieq, pero` l-qofol tal-ugiegh kien fid-dahar."*

“Rah diversi drabi sas-16 ta' Marzu 2001 u ttiehed MRI tas-sinsla fl-14 ta' April 2001. "*Kien wera li d-discs ta' bejn ir-raba' u l-hames rukkell u bejn l-ahhar rukkell u d-denb kellu naqra mqabbzin ‘il barra, in-nofs tal-kanal..u d-disc bejn l-ahhar rukkell u d-denb kien naqra' wahda mxattar. Kien tilef mill-gholi tieghu. Bazikament l-istorja tas-Sur Azzopardi kienet iktar problema mekkanika mill-affarijiet ta' sciatica, nervituri maqrusa".* Minkejja li ghamel fisjoterapija u ha pilloli, l-ugiegh ippersista. "*Il-problema hija aktar ta’ strain tad-dahar li ghadu taht l-effett taghha."*

“Mistoqsi jekk kienux relatati ma’ xi incident, wiegeb li l-attur kien qallu li kellu incident tat-traffiku xi hames snin qabel. Dwar din il-mistoqsija

[5] Affidavit a fol. 26 tal-process
[6] Affidavit a fol. 28 et. seq.
[7] Xhiedha a fol. 37 et.seq. tal-process fis-seduta ta' 22 ta' Mejju 2002.

qal "*Jien ma nistax nghid..sinjal ta' griehi ma kienx hemm u, s'intendi, jaf ikun anke refa' xi haga apparti dak ix-xoghol. Fil-fatt ghalhekk gbidt l-attenzjoni li l-azzjoni kienet wahda volontarja. Jista' ikunu hafna affarijiet ohra mhux necessarjament din l-azzjoni solitarja waqt ix-xoghol."*

"Hu xehed ukoll li "*Iktar ma ser tkun trawma kbira, iktar ser ikollok. Tank bit-trimmings jekk ser terfghu hazin jaf ikun bizzejjed biex iqabbdek din il-problema. Pero` kultant jaf anke tkun niezel targa u tiehu skoss hija bizzejjed biex ikollok l-istess problema."*

"**Xehed Joseph Zahra**[8] li kkonferma x-xoghol tal-attur. Rigward l-incident qal li l-attur darba kien qallu li ha skoss f'dahru. Qal li t-tankijiet huma tal-*plastic* u "*il-karta tqila."* Qal li t-tankijiet ikunu tliet kwarti mimlijin. Meta ilmenta l-attur ma ghamilx rapport ghax ma specifikax li wegga' fuq ix-xoghol. L-is*kip* mhuwiex 'il boghod mill-magna - qisu bejn 3 piedi u 5 piedi. Hu qal li ghandhom 2 giljottini, bl-attur u certu Reuben Pisani impjegati permanenti fuqhom.

"Zahra xehed li anke qabel l-incident l-attur kien jghid li jbati b'dahru "*Jien ikolli hafna complaints ta' wgiegh ta' dahar. Infatti l-Lasonil u d-Deep Heat jahdem hafna hemmhekk."* L-attur gieli kkomplenja u gie riferut lill-*personnel officer*, Joseph Galea. Ma hemmx *light duties* fl-istamperija taghhom. Hemm hafna xoghol ta' strapazz.

"**Rapport tal-Perit Mediku Fredrick Zammit Maempel**

"Fil-kors tal-proceduri din il-Qorti, kif diversament presjeduta, appuntat lill-Perit Espert it-tabib Fredrick Zammit Maempel, li rrediega r-rapport esebit a fol. 60 *et seq.* tal-process. Hu ezamina lill-attur fit-13 ta' Frar 2003.

> ""L-attur qallu li meta hu u impjegat iehor refghu t-tank, fsalt wiehed gie wgiegh qawwi fic-cinturin ta' dahru, u hassu iebes u ma setax jiddritta." Irrefera ghall-incident stradali li l-attur qallu li kellu fil-1995 fejn kien wegga' rasu. "*Kien baqa' ihoss xi ftit ugiegh f'ghonqu minn zmien ghall-iehor. ..Qalli li ma kellux incidenti u korrimenti ohra."*

"Mill-ezami li ghamillu deher li baqa' jhoss ugiegh fic-cinturin ta' dahru li kien jinzel maz-zewg riglejn, izda kien aktar qawwi fir-rigel tal-lemin. Difatti seta' biss jtella' ir-rigel tal-lemin sa *75 degrees* meta kien mindud u dan gab ugiegh qawwi f'dahru, u dan anke bl-irkoppa milwija.

"L-*X-Rays* li ttiehdu fit-8 ta' Gunju 2000 juru li "*ir-rukkell L5 huwa sakralizzat, u dan mit-twelid, u ghalhekk l-ispazju ta' bejn L5 u l-S1 huwa dejjaq. Il-kurvatutra tas-sinsla lombari tidher normali. L-ispazju bejn il-kumplament tal-irkiekel jidhru normali. MRI mehud fl-14 ta' April*

[8] Xhieda a fol. 42 et seq. tal-process.

*2001 juri bidu ta' degenerazzjoni fl-ahhar zewg kuxxinetti, izda ebda slip disc sinifikanti."*

“Mir-*records* tal-Isptar tal-attur ma jirrizultax li kien hemm xi ilment dwar dahru meta kellu l-incident stradali.

“**Konkluzjoni tal-Perit Mediku**

> “"*Fil-fehma tieghi l-attur strenja l-ligamenti tal-parti t'isfel ta' dahru u strejna wkoll il-kuxxinetti bejn L4/5 meta refa' oggett tqil. Dan pero` jrid jitqies fil-kuntest fejn huwa maghruf li din it-tip ta' hsara titjieb biz-zmien u fil-kuntest fejn gimgha wara l-incident x-ray ma weriex xi spazmu muscolari qawwi u fil-kuntest fejn ma kienx hemm xi ugiegh lokalizzat (localised tenderness) fuq dan il-kuxxinett, u Azzopardi kien irkupra moviment shih f'dahru meta ezaminajtu.*
>
> “*L-incident tat-30 ta' Mejju wassal biex igibu aktar predispost ghal:*
>
> “*1. ugiegh f'dahru*
>
> “*2. hsara fid-disc L4/5*
>
> “*Ghalhekk is-Sur Robert Azzopardi garrab dizabbilta' permanenti stmata ta' 5% bhala rizultat tal-incident fuq imsemmi."*

“**Xehed Gordon Farrugia**[9], haddiem tas-socjeta` Gutenberg. Waqt li kienu qed jerfghu t-tank kull wiehed mill-maqbad li dan kellu, sema' lill-attur jghajjat b'dahru. It-tank li talbu jghinu jerfa' ikun taht il-magna li tintuza bhala giljottina. L-iskip ma kienx ezatt hdejn it-tank dak iz-zmien. Illum hekk hu. "*Nghid li t-tank ma kienx kbir hafna, inqas mill-pedana li qed nixhed fuqha, u dan it-tank ghadu hemm sallum, (iswed)."*

“Kemm-il darba jitbattal it-tank kuljum jiddependi fuq ix- xoghol li jkun hemm. Gieli jitbattal 3 darbiet u gieli inqas. "*Niftakar li Robert qal li dahru kien qed jugghu hekk kif it-tank erfghajnieh...It-tank, dejjem skont it-tip ta' karti li jkun hemm fih, ma setax jintrefa' minn bniedem wahdu dakinhar, ghalhekk inkunu tnejn biex nerfghuh. Dik hija procedura li ahna nsegwu s-soltu."*

“Xehed **Joseph Galea**[10]**,** *Human Resources Manager* mal-Gutenberg Press Ltd. qal li l-attur kellmu fis-6 ta' Gunju 2000 u qallu li fit-30 ta' Mejju 2000 kien wegga' dahru. Skont ix-xhud hadd ma rraportalu li wegga'. Hu spicca li ffirmalu l-formola (*ta' injury leave)* wara li Joseph Zahra u Gordon Farrugia kkonfermawlu dak li qallhom l-attur.

“**Xehed Frank Spiteri**[11], *Managing director* tas-socjeta` konvenuta u kien anke *production manager* fiz-zmien tal-incident. L-attur kien

---

[9] Xhieda a fol. 79 et.seq. tal-process.
[10] Affidavit a fol.85-86 tal-process.
[11] Affidavit a fol. 87 - 89 tal-process.

jahdem bhala *guillotine operator*. Il-haddiema kollha jafu li hemm hafna sahra, jithallsu tajjeb taghha peress li flok jahdmu bix-*shift* il-haddiema jahdmu gurnata normali u jahdmu hin bhala *overtime.*

“Hu qal li l-impjegati jaghzlu jekk jahdmux *overtime*. Hadd m’hu sforzat inkuz l-attur. Skont ix-xhud, biex il-karta tasal fil-livell tal-giljottina hemm "*stack lift imbaghad l-impjegat kull ma jrid jaghmel jimbuttaha ossija jcaqqlaqha fl-istess livell fuq l-istess mejda tal-giljottina..ghandu stacking lift iehor li jiehu x-xoghol it-tajjeb minn fuq il-giljottina ghal fejn ghandha tmur. It-trimmings icaqlaqhom b'idejh ghal god- dustbin ma’ genb il-giljottina....Wara t-trimmings jaqghu ghal go dustbin, dan id-dustbin hu maghmul biex ikun gholi bizzejjed biex l-impjegat ma joqghodx jitbaxxa u qieghed ftit pulzieri taht il-livell ta' wicc il-giljottina. Il-baskett huwa maghmul bil-plastic u ghandu zewg handles kbar, wiehed fuq kull naha, u l-instructions huma biex meta dan il-baskett ikun ser jitbattal gol-iskip, dan jitbattal bl-operat ta' zewg haddiema."*

> “*"Ir-responsabbilta` ta' kemm jintela’ d-dustbin hija f'idejn l-operatur tal-giljottina. Ahna ma nindahlux fiha."*

“Ix-xhud ukoll qal li hadd ma avzah li l-attur kien wegga' fuq ix-xoghol u sema’ 3 t’ijiem wara. F'dawk it-3 t’ijiem hadem anke *overtime.*

> ‘*"Din il-magna partikolari li fuqha kien qed jahdem l-attur hija attrezzata tajba hafna. M'hawnx hafna kumpaniji li ghandhom l-istess livell ta' makkinarju li ghandna ahna hawn Malta. Per ezempju l-'stack lifts' stajna ma xtrajnihomx ghax huma 'options'..xtrajnihom purament biex nagevolaw il-kondizzjonijiet tal-impieg u x-xoghol tal-haddiem."*

“**In kontro-ezami xehed** – spjega li l-*baskett* kien "*bin tal-plastic kbir gholi qisu sa qadd ta' bniedem, li kien jaqa' ezatt sal-wicc tal-mejda li kull magna bhal dik li kien qed ihaddem l-attur kien ikollha...il-kobor u l-qisien tal-barmil ma kienux mahsuba biex dan ta' bilfors jimtela' imma biex dan ilahhaq sal-wicc tal-mejda."*

“Skont ix-xhud, li l-barmil jitbattal spiss jew le ma kienx jeffettwa l-produzzjoni tal-impjegat ghaliex ma kienx mistenni li jiehu aktar minn minuta. Cahad li qal lill-haddiema li kellhom jimlew il-barmil qabel ma jistghu ibattluh.

“Il-bramel u basktijiet tat-*trimmings* jintuzaw fl-industrija mhux f'Malta biss imma anke barra. Kien hemm magna ohra li taghmel l-istess xoghol qrib l-attur u kien hemm magni ohrajn li kienu jinnecessitaw wkoll it-tqattiegh tal-karti.

“**Accessi mizmuma**

“Din il-Qorti diversament presjeduta, zammet access fit-22 ta' Frar 2006[12] fuq l-impjant fejn kien hemm il-giljottina mertu tal-kawza u l-pozizzjoni fejn kienet tinstab il-magna u l-i*skips* fid-data tal-incident.

“Sussegwentement inzamm access iehor minn din il-Qorti kif hekk presjeduta, fis-16 ta' April 2013[13] fejn il-Qorti rat il-giljottina li fuqha kien jahdem l-attur, it-tank simili ghal dak li hu mertu tal-kawza u l-Qorti giet murija mejda mal-genb tal-magna li titla' bil-*hydrolics* sal-livell tal-wicc tal-giljottina. L-attur stqarr li meta kien jimla t-tank kien jghajjat lill-haddiem iehor biex jghinu jgorru.

“Kien igorr tank bejn wiehed u iehor sa 10 darbiet kuljum. Il- magna kienet sitwata vicin il-bieb ta' barra u malli tohrog tkun vicin l-*iskips* fejn kienu jintremew il-karti. Il-konvenut qal li l-i*skips* gieli kienu anke sitwati gewwa l-fabbrika vicin tal-magna tal-attur.

“**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

“Il-principji generali li jirregolaw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u r-responsabbiltajiet ta' min ihaddem huma *ben* stabbiliti fil-gurisprudenza taghna u anke mfissra f'Ligi specjali.

“Bhala principju generali l-harsien tas-sahha u s-sigurta` fuq ix-xoghol ghandu jitqies ta' interess pubbliku"[14]. Huwa dmir ta' min ihaddem li jipprovdi dik li tissejjah bhala *“a safe system of work”,* b’dan li huwa obbligu tieghu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta’ perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-**Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII tal-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)**[15] li jelenka b’mod generali d-dmirijiet ta’ min ihaddem. Ukoll *"Huwa dmir ta ' kull min jahdem fuq post tax-xoghol li jhares is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema l-ohra fl-istess post, kif ukoll tieghu stess”* (**Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994**).

“Dak li hu important hu, kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet ***"John Sultana vs Francis Spiteri et noe"***, deciza minn din il- Qorti fit-28 ta’ Mejju 1979, "*min ihaddem ghandu 'd-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta’ sikurezza ghal min ikun qed jahdem*.”

“Gie ritenut li '*a safe system of work*' u *'a safe working environment'* ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li *"l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi* "- **“Julie**

[12] Verbal a fol. 102 tal-process.
[13] Verbal a fol. 147 tal-process.
[14]Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement dan l-obbligu kompla jigi regolat bl-Avviz Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u b l-Avviz Legali 36 ta’ l-2003 (LS 424.18).
[15]Ara per.es.- "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe”** (K. 28 ta’ Mejju 1979); **“Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe”** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **“Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine”** (P.A. 12 ta’ Frar 1999)

**Scicluna *pro. et. noe*. vs Sammy Meilaq *nomine et*.”** (Citazzjoni numru 11/92 DS). Ara wkoll *“***Cini vs Wells noe**”, - deciza minn din il-Qorti fid-29 ta’ Mejju 2001.

“Il-hsieb legali fil-materja giet spjegata mill-Onor. Qorti tal-Appell fil-kawza bl-ismijiet "**Francis Buhagiar et. v. Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et*".*** - dec. fid-29 ta' Mejju 2009. Qabel xejn, il-Qorti skartat it-tezi li *"tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta' tas-sinistru li jkun sehh*". Kompliet "*Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault -based.' Fi kliem iehor f’kull kaz irid ikun hemm nexus ta’ bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."* F'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel ma kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta’ ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta` tal-“employer” talli ma pprovdiex “a safe system of work” lill-impjegat tieghu. Ara wkoll is-sentenza fil-kawza "**Bugeja vs Montanaro Gauci noe” -** A.C. deciza fl-14 ta’ Mejju 2004.

“Fil-kaz in ezami, huwa pacifiku bejn il-kontendenti li l-makkinarju (giljottina) li kienet operata mill-attur ma kenitx fiha nnifisha perikoluza jew kienet tinvolvi xi riskji ghall-operatur. Lanqas kien hemm xejn perikoluz jew deleterju ghas-sahha tal-attur fl-ambjent tal-fabbrika. Id-dannu *semmai* rrizulta mix-xoghol ripetittiv tieghu li kien jikkonsisti fil-garr ta' tank mimli fdalijiet tal-karta lejn l-i*skip*, u l-irfiegh tat-tank biex jizvojtja l-kontenut fl-istess skip - dak li l-Qrati taghna rrikonoxxew li huwa *occupational hazard.*

“Kaz simili gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"John Barbara -v- Albert Mizzi Noe***." - dec. fis-7 ta' Ottubru 2005. Hawnhekk gie ritenut li meta xoghol ripetittiv anke jekk mhux intrinsikament perikoluz jista' jwassal ghal danni fizici lill-impjegat (f'dan il-kaz skussar ripetittiv ta' siggijiet fuq ajruplan), l-*employer* kellu jintroduci sistemi biex jimminimizza tali espozizzjoni. Fin-nuqqas ikun passibbli ghad-danni. F'dan il-kaz, l-imjegat wegga' meta skossa dahru minhabba x-xoghol ripetittiv li kellu, li kien jinvolvi wkoll certu strapazz. Il-Qorti fl-ewwel istanza osservat li : *“Jidher li dak li kien qed jaghmel l-attur hu prattika kostanti fl-industrja tal-ajruplani. Dan pero` ma jnaqqas xejn mill-imsemmi obbligu principali tas-socjeta` konvenuta bhala “employer”. Hu ovvju li x-xoghol li kien qed jaghmel l-attur kien fih riskju li seta` jwegga', u dan peress li l-attur fizikament kien qed jhezzez b’mod qawwi s-sedili. Dan hu pruvat mill-fatt per se li l-attur in effett wegga’*. *L-employer seta` jipprevjeni li din l-operazzjoni, li kienet tinvolvi li jinghata skoss qawwi lis-sedili, kienet implicitament riskjuza u ta’ periklu u setghet tikkawza hsara lil min kien."* F'dan il-kaz il-Qorti osservat li l-*employer* seta' inaqqas ir-riskju billi jpoggi mpjegat iehor fuq l-istess xoghol biex ma jibqax wiehed wahdu.

“Ir-responsabbilta' tal-*employer* giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell li osservat li : "*Ghal dik li hija responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta din il-Qorti tikkonfessa li l-kaz sotto ezami jipprezenta certa diffikulta`. Dan mhux kaz fejn jirrizulta abbondantement li l-“employer” naqas li jipprovdi “a safe place of work”, liema nuqqas kien certament iwassal ghall-dikjarazzjoni ta’ responsabbilta`, in kwantu hawn mhux qed nitkellmu fuq incident industrjali kagunat minn xi magna – kif hafna minn dawn il-kazi jipprezentaw ruhhom – fejn il-kompitu tal-Qorti jkun cirkoskritt minn certi fatturi tangibbli bhal per ezempju l-assenza ta’ “safety guard” jew il-prezenza ta’ zjut mal-art, liema fatturi jistghu jwasslu ghal incidenti serji. Hawn si tratta dwar korriment ta’ impjegat waqt il-qadi normali ta’ dmirijietu fl-assenza ta’ makkinarju perikoluz jew ambjent mhux idoneu. L-attur effettivament korra billi skossja dahru waqt li qed jezegwixxi operazzjoni li, fl-industrija tal-linji tal-ajru, hija kkunsidrata bhala haga normali. Dan l-incident, fi ftit kliem, huwa effett ta’ “occupational hazard.*”

“Il-Qorti ssoktat li "*Fl-industrja nsibu certa impjiegi li, ghalkemm “on the face of it” ma jipprezentaw ebda sitwazzjoni perikoluza, xorta wahda, minhabba n-natura taghhom jew l-mod ripetittiv li bih ix-xoghol jigi ezegwit, iwasslu ghall-certa rizultati spjacevoli fl-impjegat. Cirkostanzi simili jigu riskontrati fl-industrja tal-abbiljament fejn xoghol ripetittiv gieli wassal ghal deformita` fil-gogi ta’ l-idejn. Daqstant jigu riskontrati debilitazzjonijiet fl-industrja tal-bini fejn l-irfiegh ta’ materjal tqil gieli jwassal ghal deformita` fis-sinsla tad-dahar. Allura, ghax f’dawn il-kazi ma jkunx jidher li d-datur tax-xoghol kiser xi obbligu impost fuqu minn xi regolament jew ikun jirrizulta li l-ambjent tax-xoghol ikun idoneu, ghandha tigi mwarrba kull possibbilta` tal-impjegat li jigi kumpensat f’kaz ta’ incident? Din il-Qorti thoss li l-kwistjoni ghandha tigi ezaminata aktar fil-fond billi l-kuncett ta’ bonus paterfamilias li ghandu jirregola l-obbligi reciproci f’proceduri naxxenti minn “culpa aquiliana” u “ex contractu” certament isib applikazzjoni anke f’kazi simili*." Il-Qorti difatti applikat l-**artikolu 1032 tal-Kap 16** li tapplika t-test tad-'diligenza u hsieb tal-*bonus paterfamilias*' bhala *benchmark* ghall-kejl tar-responsabbilta' ta' min ihaddem : "*Fi kliem iehor dik il-Qorti trid tistaqsi jekk fic-cirkostanzi kienx ragjonevolment mistenni li missier prudenti u diligenti jitlob li ibnu jaghmel dak l-attur gie mitlub jaghmel."*

“Issir riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta’ Marzu 1988 fil-kawza “**Rita Mamo vs Albert Mizzi noe**”. F’dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza tal-prim'istanza u rriteniet li “*jirrizulta ampjament li l-attrici korriet minhabba n-natura tax-xoghol li hija kienet qed tigi moghtija taghmel, liema xoghol kien jinvolvi gbid ripetut, ghal hafna sieghat, ta’ drapp …”* Dawn iz-zewg kawzi jattaljaw ruhhom perfettament mal-kaz sotto-ezami.

“**Applikazzjoni tal-Principji Legali ghall-Kaz in ezami.**

"Ma hemmx dubju li dak li sofra l-attur kien rizultat dirett tal-wega' li huwa hass meta, fit-30 ta' Mejju 2000 kien refa' tank bil-fdalijiet tal-karti ma' siehbu fuq ix-xoghol il-Gutenberg Press u ha skoss waqt li kien qed jerfa' il-piz tat-tank. Jirrizulta ampjament ippruvat li x-xoghol tal-attur matul l-impieg tieghu kien ta' *guillotine operator* li kien jinvolvi l-irfiegh ripetittiv ta' tank mimli *trimmings* tal-karti.

"Skont il-konkluzjoni milhuqa mill-Espert Mediku, it-Tabib Fredrick Zammit Maempel wara li ezamina l-attur u ra l- *medical file tieghu:*

> "*L-incident tat-30 ta' Mejju wassal biex igibu aktar predispost ghal:*
>
> "*1. ugiegh f'dahru*
>
> "*2. hsara fid-disc L4/5*
>
> "*Ghalhekk is-Sur Robert Azzopardi garrab dizabbilta' permanenti stmata ta' 5% <u>bhala rizultat tal-incident</u> fuq imsemmi."* (emphasi tal-Qorti).

"Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma taddottax din il-konkluzjoni tenut kont l-esperjenza vasta tal-espert fil-materja in kwistjoni. *Inoltre* l-fatt tal-iskoss li ha l-attur f'dahru hu kkonfermat minn diversi xhieda, fosthom Gordon Farrugia, li kien qed jghinu jerfa' t-tank meta wegga', u Joe Zahra li ha r-rapport. Lanqas ma jidher li hu kkontestat li ha skoss waqt li kien fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta' konvenuta.

"**<u>Responsabbilta' tas-Socjeta' Konvenuta</u>**

"Il-kwistjoni li ghandha tigi ezaminata minn din il-Qorti ghalhekk, mhix daqstant kwistjoni tan-ness ta' kawzalita' bejn l-incident u d-dannu li garrab l-attur, imma jekk is-socjeta' konvenuta ghandha responsabbilta' f'ghajnejn il-ligi ghal din il-hsara, peress li ma osservatx id-diligenza ta' *bonus paterfamilias*. Is-sitwazzjoni kienet tkun altrimenti li kieku s-sistema legali taghna timponi grad ta' *strict liability*, izda mhuwiex il-kaz kif jirrizulta ampjament mill-kazistika fuq citata.

"Is-socjeta' konvenuta ssostni li mhux talli pprovdiet '*a safe place of work'* imma ghamlet aktar minn dak li ragjonevolment kien mistenni minn *employer* f'sitwazzjoni simili tant li stallat *stack lifts* b'nefqa sostanzjali. Ukoll id-daqs tat-tank kien determinat mhux minhabba l-volum tal-karti li kien jesa', imma mill-htiega li jkun daqs il-livell tal-wicc tal-mejda tal-giljottina biex kull ma jkollu jaghmel l-attur huwa li jiknes b'idu l-fdalijiet ghal gol-tank. *Inoltre* l-istruzzjonijiet li kellu l-attur kienu li ma jerfax it-tank wahdu. Difatti t-tank kellu manilja fuq kull naha u l-attur kellu l-awtorita' li meta jasal biex ibattal it-tank, jghajjat lil xi mpjegat biex jghinu. B'hekk kien zgurat li ma jerfax il-piz wahdu.

"L-attur allega li kellu jaghmel din l-operazzjoni 10 darbiet kuljum. Izda dan hu kontradett minn Gordon Farrugia, il-haddiem li kien jghinu, li qal li kien jaghmlu *circa* 3 darbiet kuljum u "*anke inqas*". Madanakollu skont Wayne Vella, il- piz kien ikun bejn 10 sa 15-il kilogramma u, kif ammetta Joe Zahra, "Il-karta tqila." Jirrizulta wkoll li l-ugiegh fid-dahar kien komuni f'din il-fabbrika tant li Joe Zahra qal li "*Infatti l-Lasonil u d-'Deep Heat' jahdem hafna hemmhekk*" u fi kliem Gordon Farrugia "*meta Robert qal illi wegga' dahru ma hadthiex bi kbira.*"

"Il-Qorti tifhem li s-socjeta' konvenuta setghet ipprevediet li mpjegat jista' iwegga' dahru jekk ikun mitlub li jerfa' oggett ta' certu piz ripetutament anke meta dan ikun ta' 15 kg mifrux bejn tnejn minn nies. Huwa minnu li l-irfiegh ta' piz fih innifsu jimporta riskju specjalment ghad-dahar ta' bniedem kif jixhed il-fatt stess tal-hsara li garrab l-attur.[16] Izda s-socjeta' konvenuta, bhala *bonus paterfamilias* kellha taghmel iktar milli ghamlet?

"Huwa evidenti li l-istrapazz jiddependi hafna mill-piz li wiehed ikollu igorr. L-attur xehed, u dwar dan kien ikkorroborat minn Wayne Vella u Charlot Briffa, li l-fabbrika kienet *production oriented* b'tali mod u manjiera li l-haddiema kellhom jaccettaw li jahdmu s-sahra altrimenti jirriskjaw li jitilfu l-impieg. Frank Spiteri izda xehed li l-ebda impjegat ma gie kostrett li jahdem is-sahra, inkluz l-attur u kien hemm okkazzjonijiet fejn talabhom biex ma jidholx ghall-*overtime* u accettaw minghajr problema[17]. Skont l-attur ma kellux ghazla dwar kemm kellu jimla t-tank ghaliex Frank Spiteri kien jesigi li jimlih sa fuq nett. Izda Frank Spiteri, li kien il-*production manager* ikkontradixxa din il-verzjoni u qal li kien jispetta lill-attur biex jirregola kemm jixhet karti fit-tank u b'hekk jirregola l-piz hu stess. Hu spjega li ma kienx jaghmel differenza jekk l-attur jistenna biex jimla t-tank sa fuq nett jew le, ghaliex il-process ma kienx jeffettwa l-produzzjoni tal-impjegat peress li ma kienx mistenni li jiehu aktar minn minuta.

"Din l-ispjegazzjoni moghtija mill-*production manager* hija verosimili u l-Qorti ma nghatatx raguni biex ma taccettahiex. Ma tistax ma tinnotax li kien hemm inkonsistenza fix-xhieda tal-attur anke fuq fatt importanti cioe`, in-numru ta' tragitti li l-attur kien jaghmel kuljum. Filwaqt li hu qal li kellu jbattal it-tank 10 darbiet kuljum, xhud tieghu stess, Gordon Farrugia, xehed li kien ibattlu 3 darbiet kuljum jekk mhux inqas (enfasi tal-Qorti). *Inoltre* dwar il-piz xehed "*It-tank meta kien ikun mimli sax-xifer kien ikun tqil hafna, tant li bil-kemm konna nifilhuh jien u min kien jigi jghini*" filwaqt li Gordon Farrugia ma semma' xejn dwar xi piz straordinarju meta rrefera ghall-incident fejn hu kien qed jghin lill-attur.

---

[16] Fil-mori tal-kawza gie ppubblikat l-Avviz legali 35 tal-2003 imsejha: "*Regolamenti Dwar il-Protezzjoni kontra Riskji u Korriment tad-Dahar fuq il-post tax-xoghol.*" Dawn ir-Regolamenti ma kienux fis-sehh fiz-zmien tal-incident u ghalhekk ma kellhomx il-forza ta' Ligi u din il-Qorti ghalhekk ma tistax tapplikahom ghall-kaz odjern.

[17] Ara wkoll xhieda ta' Frank Spiteri fl-affidavit tieghu.

It-tank ma kienx kbir. Kellha okkazzjoni tarah din il-Qorti stess waqt l-access li zammet. Ukoll kif xehed Gordon Farrugia "*Nghid li t-tank ma kienx kbir hafna, inqas mill- pedana li qed nixhed fuqha, u dan it-tank ghadu hemm sallum. (iswed)."* Il-fatt li jintrefa' minn zewg persuni jqassam il-piz bejn tnejn u jaghmlu manigibbli iktar u iktar jekk dak li hemm go fih ikun regolat mill-impjegat li jaf il-limitazzjonijiet tieghu.

“Il-Qorti tikkonsidra li s-segwenti mizuri li kienu joperaw fil-fabbrika fiz-zmien tal-incident kienu ntizi biex jimminimizzaw ir-riskju rinfaccjat mill-attur b'mod li l-istess fabbrika ghamlet li setghet biex taqdi r-responsabbiltajiet taghha  u cioe':

- “*policy* li stabbiliet li l-attur kellu l-awtorita' li jitlob l-ghajnuna ta' impjegat iehor biex jghinu jgorr it-tank.
- “diskrezzjoni moghtija lill-attur biex jimla’ it-tank b'kemm irid.
- “distanza qasira bejn it-tank u l-*iskip.*
- “l-gholi tat-tank li kien mahsub li jasal sal-livell ta' wicc il-mejda tal-giljottina biex l-impjegat ma jkollux jitbaxxa.
- “'stack lift' li jgholli l-karta sal-livell tal-mejda tal-giljottina.
- “'stack lift iehor' li jiehu x-xoghol it-tajjeb minn fuq il-giljottina ghal fejn ghandha tmur.
- “Ambjent fejn l-impjegati jaghtu daqqa t'id lil shabhom (xhieda Frank Spiteri in ri-ezami a fol. 97 tal-process.)

“Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta' konvenuta introduciet mezzi ragjonevolment intizi biex iwarrbu l-possibbilta' ta' dannu ghall-impjegati taghha. Dan ix-xoghol necessarjament kellu jsir bl-intervent uman izda fejn setghu jintroducu mezzi mekkanici, hekk ghamlu permezz ta' 'stack lifts'. Fejn kien hemm mehtieg l-element uman, assiguraw li l-attur ma jerfax il-piz wahdu, izda dan jitqassam fuq zewg impjegati, biex b'hekk jonqos il-piz, u *di piu'*, ghamlu li l-istess attur kellu jiddetermina kemm karti jitfa' fit-tank. Dan certament warrab jew ghall-anqas imminimizza l-possibbilta' li jigri dak li gara u b'hekk ma jirrizultax xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta.

“Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqies li s-socjeta' konvenuta Gutenberg Press Limited ghamlet kull ma kien ragjonevolment mistenni minnha fil-vesti taghha ta' *bonus paterfamilias* u m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-incident soffert mill-attur.

“**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, **tichad** it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“**L-ispejjez jithallsu mill-attur**”.

Minn din is-sentenza qed jappellaw l-atturi li qed jitolbu r-revoka taghha u li din il-Qorti tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tillikwida d-danni dovuti lilhom; l-appellata rrispondiet billi talbet l-konferma tas-sentenza.

L-aggravju huwa essenzjalment wiehed u cioè li a bazi tal-provi prodotti waqt is-smigh tal-kawza l-Qorti ghandha issib lill-appellata responsabbli ghall-akkadut u allura ghall-hlas tad-danni lill-appellanti.

Gie ripetut diversi drabi minn din il-Qorti illi ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995 "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001), u **Victor**

**Camilleri v. Carmelo Camilleri**, Appell Inferjuri, 28 ta' Jannar 1994; madankollu "*Din il-Qorti pero' f'kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*"*.* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

Fir-rigward tal-kumpanija appellata bhala d-datur tax-xoghol tal-appellant certament kien hemm id-dover li ghandu kull min ihaddem; kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 *min ihaddem ghandhu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiem*" (ara **Bugeja v. Falzon** deciza mill-istess Qorti fit-30 ta' April 1997 u **Desira v. Grech and Co. Ltd** deciza fit-30 ta' Mejju 2002).

Sentenzi ohra tal-istess opinjoni huma **Galea v. Balzan** Qorti tal-Appell 26 ta' Frar 1993 u **Agius v. Galea** Qorti tal-Kummerc 11 ta' Lulju 1989). Sentenza ricenti **Grezzju Scicluna v. C. Cini and Sons Ltd** - 27 ta' Gunju 2006 – Cit 348/02 TM) iccitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb <u>Modern Employment Law</u> li jelenka erbgha principji bazici f'kazi simili u cioè:

i. "*the employer must ensure that the employee knows the dangers*

ii. "*the employer must ensure that the emplyee konws the precautions to be taken against these dangers*

iii."*the employer must ensure that the precautions are available*
iv. *the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*".

Kif sew irrimarkat il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Caruana** (12 ta' Jannar 1983) min ihaddem irid ukoll izomm quddiem ghajnejh illi gie li l-haddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikli li jkollhu u ghalhekk ghandu jkun hemm sistema biex dawn l-izbalji ma jsirux.

Dan kollu gie riprodott fis-sentenza fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet **Anna Micallef v. Allchem Limited** (13 ta' Gunju 2007 – konfermata minn din il-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2009). Madankollu ta' min izid li "*L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad oghla*" (**Ronald v. Polibon**, Appell, 9 ta' Jannar 2009). Din l-istess sentenza kompliet tghid illi: "*Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jpprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom*".

Fil-kaz odjern irrizulta li l-attur kien impjegat bhala binding operator mas-socjeta` konvenuta u fost id-doveri tieghu kien hemm li jitfa l-bicciet tal-karti jew trimmings go tankijiet u skips apposta. Kien l-ewwel jimla' t-tank u imbghad iqandlu u jitfa l-kontenut tieghu go skips li kienu bejn 3 u 5 piedi boghod. Meta l-attur kien jimla t-tank huwa kien jghajjat haddiem iehor biex jghinu jgorru. Ix-xoghol tieghu kien jirrikjedi li l-attur iqandel it-tank mimli bil-karti ripetutament (l-attur jghid 10 darbiet kuljum waqt li Gordon Farrugia prodott mill-istess attur jgħid 3 darbiet jew inqas) kuljum matul il-gurnata tax-xoghol tieghu. F'okkazzjoni minnhom l-attur ha skoss f'dahru huwa u jerfa' t-tank u bhala konsegwenza sofra dizabilita` permanenti ta' 5%. Dak il-hin tal-incident kien qieghed jghinu haddiem iehor Gordon Farrugia.

Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tirraviza ebda raguni biex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti, u dan ghal aktar minn raguni wahda. Fir-rigward tas-socjetà appellata infatti, irrizulta ampjament illi hija pprovdiet lill-impjegati taghha bit-taghmir necessarju ghall-protezzjoni taghhom (senjatament l-*istack lifts*) u kif qalet l-ewwel Qorti, rat li l-impjegati ma jerfghux it-tankijiet in kwistjoni wahedhom. "*Issa, fil-waqt li hu minnu illi min ihaddem kellu l-obbligu li jipprovdi a safe system of work, kellu d-dover illi jassigura li x-xoghol ikun qieghed isir taht is-supervizjoni ta' persuni kompetenti u kellu wkoll id-dover illi jipprovdi*

*protezzjoni adegwata f'dak li hu lbies u attrezzi ohra, dan ma jfissirx illi min jahdem ma kellux hu wkoll l-obbligu illi jahdem b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovokax hu stess incidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati*". (**Micallef v. Pisani noe**, Appell, 5 ta' Ottubru 2001)

Kif irrimarkat l-ewwel Qorti l-piz tal-barmil li kellu jerfa' l-appellant kien jiddependi fuq kemm huwa stess jghabbih u ghalhekk kien jiddependi minnu stess kemm jimlih ghaliex l-employer ma qaltlux biex jimlih aktar minn kemm jiflah. Kellu wkoll l-ghajnuna ta' impjegat iehor skont il-bzonn u ma kienx hemm distanza twila bejn fejn kien u fejn ried ibattal. Ghalhekk ma hemm ebda dubbju lanqas ghal din il-Qorti li l-incident in kwistjoni ma garax b'tort tas-socjetà appellata izda kien incident pjuttost sfortuntat illi ghalih certament mhijiex tenuta li tirrispondi.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
Mb/rm